MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 371/2008

**Wara l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 358/08 fl-ismijiet – Antoine Xerri (I.D. No. 343572M) u Claudine Xerri**

**vs**

**Bartolomeo sive Robbie Debono u Antoinette Debono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fil-15 ta' April, 2008 minn l-intimati Bartolomeo sive Robbie u Antoinette konjugi Debono, li in forza tieghu issottomettew is-segwenti :

Illi l-esponenti gew notifikati fit-8 t'April, 2008 b'kopja tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 t'April, 2008 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 358/08 fl-ismijiet 'Antoine Xerri (I.D. No. 343572M) u Claudine Xerri -vs-Bartolomeo sive Robbie Debono u Antoinette Debono'.

Illi l-esponenti qatt ma kienu gew notifikati bl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo agitur* qabel ma dan gie degretat minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi jirrizulta illi dan huwa mandat ta' inibizzjoni mahrug a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-esponenti, illi r-rikorrenti ezekutati jallegaw illi huma debituri taghhom, jigu inbiti milli jbieghu l-proprjetajiet elenkati fl-imsemmi rikors ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni, u dan sabiex ir-rikorrenti ezekutati jikkawtelaw (allegat) kreditu ta' mhux inqas minn EUR 11,646.86.

Illi l-esponenti qeghdin jipprezentaw dan l-umli rikors ghar-revoka tal-mandat ta' inbizzjoni *de quo agitur* u dan ghar-ragunijiet illi se jigu hawn spjegati. Dan ir-rikors qed jigi prezentat anke a tenur tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jigi rilevat illi bejn il-partijiet hemm kawza pendenti fl-ismijiet 'Antoine Xerri et –vs- Bartolomeo sive Robbie Debono et' (Rikors Guramentat Numru 195/2008AL) li qed tinstema' quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Abigail Lofaro LL.D. u li tinsab differita ghall-11 ta' Novembru, 2008.

Illi kif fuq diga rilevat, l-esponenti qatt ma gew notifikati bir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni. L-**<u>artikolu 875(1)</u>** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "ir-rikors [ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni] **<u>ghandu</u> jigi notifikat lill-parti l-ohra …**" (illi imbaghad ghandha zmien biex tirrispondi). Dan ir-rekwizit mehtieg mil-ligi b'mod mandatorju – ***<u>"ghandu"</u>*** – f'dan il-kaz ma giex osservat, u dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' tal-procedura kollha, mhux biss ghaliex proceduralment ma giex osservat rekwizit essenzjali stabbilit bil-ligi izda fuq kollox ghaliex il-konsegwenzi ta' tali nuqqas huma illi l-esponenti gew imcahhda mid-dritt sagrosant illi jiddefendu ruhhom kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ezekutati u b'hekk gie lez id-dritt fundamentali taghhom ta' *audi alteram partem* u gew privati minn smiegh xieraq.

Illi fil-fatt din l-Onorabbli Qorti pprocediet biex tilqa' r-rikors prezentat mir-rikorrenti ezekutati wara li semghet biss lir-rikorrent ezekutat Antoine Xerri u minghajr ma l-esponenti nghataw l-opportunita' illi jiddefendu ruhhom, u b'hekk l-esponenti issa jinsabu rinfaccjati b'mandat ta' inibizzjoni kapriccjuz minghajr ma lanqas biss inghataw l-opportunita' illi jsemmghu l-oppozizzjoni taghhom u jfissru ghaliex tali rikors ma kellux jigi akkolt.

Illi din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-3 t'April, 2008 irrilevat illi saru zewg tentattivi ta' notifika fis-7 ta' Marzu, 2008 u fit-2 t'April, 2008, liema tentattivi ta' notifika kienu fin-negattiv, u ghalhekk peress illi l-Qorti hija marbuta bit-terminu perentorju ta' xahar biex tiddegreta r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (a tenur tal-artikolu 875(3) tal-Kap. 12), ipprocediet biex, minkejja illi l-esponenti ma gewx notifikati kif jezigi tassattivament illi ghandu jsir l-artikolu 875(1) tal-Kap. 12, tilqa' r-rikors u tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponenti.

Illi, l-esponenti jtennu li, b'kull rispett, gjaldarba r-rikorrenti ezekutati naqsu milli jinnotifikaw lill-esponenti kif tassattivament rikjest mill-artikolu 875(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti kellha tipprocedi biex tichad ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni peress li ma gietx sodisfatta u osservata l-procedura stabbilita bil-ligi, u mhux tipprocedi biex tilqa' r-rikors minghajr ma sar smiegh xieraq kif titlob il-ligi u b'lezjoni cara tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti.

Illi f'dan ir-rigward jigi osservat li, ghalkemm mill-atti processwali jirrizulta illi saru zewg tentattivi ta' notifika, bejniethom ghadda kwazi perjodu ta' xahar u ghalhekk ma jistax jinghad illi r-rikorrenti ezekutati kienu qed jaraw kif se jaghmlu biex jinnotifikaw lill-esponenti b'xi akkaniment. Oltre dan, il-ligi tal-procedura tistabilixxi mezzi ohra ta' kif wiehed jista' jinnotifika lill-parti l-ohra, liema mezzi pero r-rikorrenti ezekutati naqsu milli jirrikorru ghalihom u minkejja dan gew ippremjati billi r-rikors taghhom gie milqugh minghajr smiegh xieraq.

Illi mhux hekk biss talli wiehed ghandu wkoll jirrileva illi r-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa monk f’diversi aspetti procedurali illi l-esponenti jhossu li, gjaldarba ma kellhomx l-opportunita’ illi jissollevaw huma stess ghaliex kif inghad estensivament huma saru jafu biss b’dawn il-proceduri wara li d-digriet kien diga nghata, kellha tissottolineahom din l-Onorabbli Qorti, u dan ghar-ragunijeit li se jigu hawn spjegati.

Illi fil-fatt l-artikolu 874(2) tal-Kap. 12 jipprovdi kif gej –

*“Meta mandat jipprojbixxi l-bejgh, it-trasferiment jew it-tnehhija ohra ta’ proprjetà immobbli, ir-rikors ghandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li ghandhom x’jaqsmu al-persuna li jinhareg kontriha u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta’ trasferiment ta’ proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reg[istru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi ghall-immobbli specifici, dawn ghandhom jigu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Registru Pubbliku, dwar noti ta’ l-iskrizzjoni, jigifieri li din ghandha ssehh b’referenza ghad-data geografika in kwistjoni”.*

Illi l-artikolu 7(a) tal-Kap. 56 jipprovdi illi, fl-indikazzjoni ta’ immobbli, meta l-bini ma jkollux numru, jehtieg illi jkun hemm indikazzjoni ta’ mill-inqas tlieta mill-irjieh tieghu. Dan ir-rekwizit ma giex sodisfatt hlief fir-rigward ta’ tlieta mill-immobbli indikati fir-rikors promotur – il-fond 9, Robant, Triq il-Bard, Qormi; il-garage 108, CD Garage, Triq tal-Hlas, Qormi u l-fond 23/24, Rock Street, Qormi. Certament li dan ir-rekwizit mehtieg bil-ligi *ad validitatem* ma giex osservat fir-rigward tal-immobbli deskritti bhala *“tlett garaxxijiet fi Sqaq Numru 3, Triq il-Wied, Qormi, bla numru u isem izda mibnija fuq il-fond numru 1”* u *“art li tinsab Triq Attard, Qormi li tmiss ma’ triq maghrufa bhala Sqaq ta’ Awzara tal-kejl ta’ circa 948 metri kwadri”.*

Illi, fir-rigward tal-fond 23/24, Rock Street, Qormi, jigi rilevat illi dan il-fond (illi kien in komproprjeta’ bejn l-esponenti u hut hut l-esponent Robbie Debono ghaliex derivanti mill-wirt tal-genituri), effettivament ilu mibjugh lil

terzi permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Robert Micallef.

Illi dan ifisser li effettivament din l-Onorabbli Qorti ordnat li ma tigix mibjugha proprjeta’ immobbli illi effettivament ilha mibjugha – naturalment zball illi sar ghaliex fis-smiegh tar-rikros ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni instemghet qampiena wahda biss, dik tar-rikorrenti ezekutati, ghaliex kieku l-esponenti kienu gew notifikati kienu jirrielvaw dan il-fatt u b’hekk kienet tigi evitata din l-abberrazzjoni.

Illi, oltre dan, l-immobbli l-ohra kollha kolpiti bil-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni hlief ghall-fond 9, Robant, Triq il-Bard, Qormi mhumiex proprjeta’ esklussiva tal-intimati esponenti izda fuqhom l-esponent Robbie Debono ghandu biss jedd ta’ komproprjeta’ flimkien ma’ hutu jew uhud minnhom, u ghalhekk b’kull rispett din l-Onorabbli Qorti ma kellha qatt tordna illi jigi inibit il-bejgh ta’ dawn il-proprjetajiet b’mod li ghalhekk gew anke kolipiti u pregudikati persuni – il-komproprjetarji l-ohra – illi m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-vertenza bejn il-partijiet izda se mai kellu jigi inibit biss il-bejgh tas-sehem indiviz illi ghandhom l-esponenti minn dawn il-proprjetajiet.

Illi r-rikorrenti ezekutati konjugi Xerri, li huma parentati mill-qrib mal-esponenti, kienu ben konxji u konsapevoli ta’ dan il-fatt, izda la fir-rikors minnhom ipprezentat u lanqas fil-kors tax-xhieda illi r-rikorrent ezekutat Antoine Xerri ta quddiem din l-Onorabbli Qorti, ma dehrilhom illi kellhom jirrilevaw dan il-fatt hekk importanti. B’hekk din l-Onorabbli Qorti, illi qabel ma ddecidiet semghet biss parti wahda, spiccat biex giet imqarrqa u indotta fl-izball illi tinibixxi l-bejgh ta’ proprjeta’ ta’ terzi kompletament estraneji ghal dawn il-proceduri u l-kawza ta’ bejn il-paritjiet !

Illi din l-Onorabbli Qorti laqghet ukoll it-talba tar-rikorrenti ezekutati sabiex l-esponenti jigu inibiti milli jaghmlu uzu mill-vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni ‘LAW-892’; ‘RON-181’; ‘HAS-665’; ‘IBE-398’; ‘IBA-665’; ‘JAF-497’; ‘KAT-746’ u ‘ABH-404’.

Illi l-esponenti jirrilevaw li, kif tixhed l-istess formola illi fuqha inkiteb ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti ezekutati hija dik a tenur tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 sabiex jigi kawtelat kreditu ta' mhux inqas minn EUR 11,646.86, azzjoni intiza unikament biex jigi projbit it-trasferiment *inter vivos* ta' xi proprjeta' (kif tistipula fl-izjed termini cari l-ligi stess u kif anke jirrizulta midd-icitura tal-formola in kwistjoni) u zgur li mhix intiza biex persuna tigi inibita milli taghmel uzu minn vetturi jew biex persuna tigi inibita milli taghmel jew twettaq xi azzjoni !!

Illi ta' min jghid u jissottolinea illi l-formola uzata mhix xi haga semplicement ta' prattika jew konvenjenza, kif wiehed forsi jista' jahseb, izda hija document gudizzjarju sanzjonat u stabbilit bil-ligi – il-formula Nru. 25 elenkata fi Skeda B ghall-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-artikolu 1007(1) tal-istess Kap. 12 illi jipprovdi li *"fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici".*

Illi dan kollu huwa ferm car u manifest u ghalhekk wiehed b'kull rispewtt ma jsitax jifhem kif din l-Onorabbli Qorti setghet qatt takkolji din it-talba partikolari tar-rikorrenti ezekutati, kif fil-fatt ghamlet.

Illi jekk ir-rikorrenti ezekutati riedu li jinhareg mandat ta' inibizzjoni sabiex l-esponenti jigu inibiti milli jaghmlu uzu mill-vetturi in kwistjoni, allura huma kellhom jagixxu bi procedura *ad hoc* a tenur tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Illi dan il-provvediment tal-ligi jaqra kif gej -

***873.*** *(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Illi ghalhekk huwa ferm ovvju li l-indoli tal-azzjoni taht l-artikolu 874 u dik tal-azzjoni taht l-artikolu 873 tal-Kap. 12 huma ferm differenti u ben distinti minn xulxin. Fil-proceduri a tenur tal-artikolu 874 tal-Kap. 12, l-iskop huwa illi l-kreditur jinibixxi lid-debitur milli jittrasferixxi l-proprjeta' tieghu, u biex jirnexxi jrid jipprova *prima facie* li ghandu kreditu x'jikkawtela ta' mhux inqas minn EUR 11,646.86. Fil-proceduri a tenur tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, ir-rikorrent irid jipprova illi l-hrug ta' dak il-mandat huwa mehtieg biex jitharsu jeddijiet li jipprova *prima facie* illi ghandu u li fin-nuqqas huwa jkun se jsofri pregudizzju irrimedjabbli. Fi ftit kliem, iz-zewg azzjonijiet huam kompletament differenti u distinti minn xulxin, izda minkejja dan ir-rikorrenti ezkutati ghazlu li jitfghu kollox f'borma wahda u minkejja dan it-talbiet taghhom gew sorprendentement akkolti minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi, oltre dan, anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, ir-rikorrenti ezekutati ghandhom kreditu x'jikkawtelaw fil-konfront tal-esponenti, wiehed jistaqsi minn fejn jirrizulta d-dritt taghhom *prima facie* biex izommu lill-esponenti milli juzaaw dawn il-vetturi, u, di piu, fejn huwa l-pregudizzju irrimedjabbli illi altrimenti kienu se jsofru kieku tali talba (li, jerga' jigi ribadit, saret hazin u mhux fuq il-formola appozita stabbilita bil-ligi u kompletament skorrettement) ma gietx akkolta ?

Illi l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-pronunzjament moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri fl-ismijiet 'Angelo Xuereb et noe –vs- Marin Hili et noe' (Rikors Numru 3135/94) fis-sens segwenti: "… il-frazi 'tkun ta' hsara' (fl-art. 873(1) tal-Kap. 12) ghandha tinghata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jigi inibit, jekk ma jigix inibit, jista' jkun ta' pregudizzju fis-sens li **mhux biss jikkawza hsara <u>pero li jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".</u>**

Illi l-insenjament pronunzjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-fuq imsemmija proceduri fl-ismijiet 'Angelo Xuereb et noe –vs- Marin Hili et noe' (Rikors Numru 3135/94)

jirrifletti duttrina illi kienet diga giet stabbilita u enuncjata precedentement mill-qrati nostrani fosthom, *'inter alia',* fil-proceduri fl-ismijiet 'Avukat Dottor Victor Borg Grech –vs- Joseph Gasan et' (Rikors Nru. 3984/92) [per Imhallef Dr. Albert Manche' LL.D.] u 'Victor Mizzi –vs- Joseph Gasan et' (Rikors Nru. 4216/92) [per Imhallef Dr. Joseph David Camilleri LL.D.].

Illi ghalhekk jirrizulta bl-izjed mod car u manifest li, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, ir-rikors intavolat mir-rikorrenti ezekutati ghall-hrug ta' mandate ta' inbizzjoni numru 358/08 fil-konfront tal-esponenti ma kellu jigi qatt akkoltu, u jirrizulta wkoll bl-izjed mod car u manifest li, anke a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap., 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi ottenenti ma jkunx ragjonevoli illi dan l-att kawtelatorju, u cioe' l-mandat ta' inibizzjoni numru 358/08, jinzamm fis-sehh u li dan l-att kawtelatorju mahrug fil-konfrotn tal-esponenti odjerni mhuwiex gustifikabbli.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jitolbu lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l--Mandat ta' Inibizzjoni Numru 358/08 fl-ismijiet "Antoine Xerri (I.D. No. 343572M) u Claudine Xerri -vs- Bartolomeo sive Robbie Debono u Antoinette Debono" [Degretat fit-3 t'April, 2008] bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti ezekutati Antoine u Claudine, konjugi Xerri u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti anke a tenur tal-artikolu 836(8) u 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-twegiba ta' Antoine u Claudine Xerri li in forza taghha sostnew :

Li biha u bir-rispett jiddikjaraw ir-ragunijiet taghhom ghaliex it-talba ta' l-konjugi Debono m'ghandhomx jintlaqghu huma s-segwenti:-

**(1)** L-esponenti Xerri ghandhom pretensjoni ta' kreditu kontra l-konjugi Debono fis-somma ta' €50,000 u di piu' l-vetturi indikati f' l-atti odjerni li huma ta' l-istess esponenti kienu, qabel il-hrug ta' l-mandat, qedin jintuzaw mill-konjugi Debono.

Ix-xiehda ta’ Antoine Xerri hija riprodotta fid-digriet imsemmi kif gej:-

Ir-rikorrenti ikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti msemmija fir-rikors u jidher ***prima facie*** li hu u martu huma kredituri ta’ l-intimati fis-somma ta’ €50,000 u spjega lill-Qorti li l-vetturi ghalkemm tieghu l-intimat ghandu l-pussess taghhom u juzahom bil-mod kif irid u li l-proprjeta` elenkata ma jafx jekk fil-fatt sarux trasferimenti fuqha.

**(2)** Illi r-rikorrenti konjugi Debono qedin jilmentaw bil-fatt li huma ma gewx notifikati bir-rikors originali ta’ l-Mandat fuq premess numru 358/08 li gie akkordat f’seduta ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-3 ta’ April 2008. Fil-fatt, minn ezami ta’ l-atti relattivi ghall-mandat imsemmi ma jirrizultax li Debono gewx notifikati qabel id-decizjoni definittiva ta’ l-mandat. Ghalhekk Debono (ara s-6 paragrafu tar-rikors), qedin isostnu n-nullita’ ta’ l-mandat.

**(3)** Illi bir-rispett lejn il-kontroparti l-esponenti Xerri umilment jissottomettu li l-fatt li hi ma gietx notifikata ma iggibx in-nullita’ ta’ l-mandat in kwistjoni. L-artikolu 875, Kap. 12 jghid hekk:

**875. (1)** Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta:
Izda l-qorti tista’, f’kazijiet urgenti, tirriduci l-perijodu msemmi f’dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni, il-qorti tista’ tilqa’ t-talba.
**(2)** Il-qorti tista’ ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament.
**(3)** Il-qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smigh, tiddeciedi dan ir-rikors, wara li tisma’ kull xhieda li jidhrilha xierqa, u dan fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata li gie prezentat u mahluf il-mandat.

B’ l-akbar rispett lejn il-kontroparti hi ma citatx it-test ta’ l-artikolu kollu u strahet il-pretensjoni taghha fuq id-dispost ta’ l-artikolu 875(1) biss minghajr ma ikkunsidrat il-proviso fuq imsemmi u s-subartikoli (2) u (3).

Mill-artikolu imsemmi imkien ma jirrizulta li r-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni ghandu dejjem u bil-fors jigi notifikat lill-kontroparti (ghalkemm ghandu jinghad li n-notifika ikun desiderabbli). L-esponent umilment jirrileva li mill-artikolu 875 jemergu zewg kunsiderazzjonijiet li zgur ixxejnu t-tezi ta’ l-konjugi Debono:

**i.** li din l-Onorabbli Qorti **ghandha l-fakolta’ tohrog mandat provizorju u imbaghad tipprovdi definittivament**. Mill-atti odjerni jirrizulta bic-car li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, tabilhaqq ipprevalixiet ruhha minn din il-fakolta’ meta akkordat provizorjament il-mandat in kwistjoni. – Ta’ min jirrileva ukoll li huwa pacifiku li l-Qrati taghna jistghu, kif fil-fatt jaghmlu kuljum, jordnaw provizorjament il-hrug ta’ mandati kawtelatorju fuq talba ta’ parti, ferm qabel ma tigi notifikata l-kontroparti.

**ii.** li din l-Onorabbli Qorti **ghandha tiddeciedi (definittivament) il-mandat fl-iqsar zmien posibbli izda mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata ta’ l-prezentata u dan wara li l-istess qorti tisma’ kull xhieda li jidher xieraq lill-istess Onorabbli Qorti.** Mill-atti odjerni jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, ikkunsidrat x-xiehda ta’ Antoine Xerri bhala bizzejjed tant li dik l-istess Qorti irreduciet hija stess in-numru ta’ propjetajiet immobbli kolpiti bil-mandat *de quo* minn hamsa (5) ghal tlieta (3).

Jigifieri bil-kontra ghall-dak sottomess mill-konjugi Debono, ma hemm l-ebda dmir impost fuq l-Onorabbli Qorti biex tichad talba ghall-hrug ta’ mandat kawtelatorju merament ghax ir-rikors ghall-hrug ma giex notifikat lill-kontroparti. **Il-*test* hawnhekk huwa jekk fl-imsemmi zmien il-Qorti tigix konvinta li l-mandat hux bzonnjuz *prima facie* u xejn aktar.**

Minn dawn il-kunsiderazzjonijet huwa umilment sottomess li ma jirrizultax li n-notifika ta' l-kontroparti hija *sine qua non* (ghalkemm kif inghad in-notifika hija desiderabbli). Jirrizulta biss li l-mandat jigi deciz definittivament **wara li l-qorti tisma' kull xhieda li jidhrilha xierqa.** Jigifieri l-mandat jinhareg ghax tigi konvinta l-qorti bil-pretensjoni *prima facie* ta' min qed jitlob il-mandat. Fil-kuntest ta' l-mandat in kwistjoni jidher li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, deherilha bizzejjed ix-xiehda fuq riprodotta ta' l-esponent Antoine Xerri.

Dan kollu qed jigi sottomess fid-dawl tan-natura vera ta' mandat kawtelatorja. Hawnekk qedin fil-kamp ta' l-*prima facie* u mhux fil-mertu. F' l-ahhar minn l-ahhar il-mandat jinhareg fuq responsabbilta' ta' min qed ihorgu (u hemm konsegwenzi serji jekk jirrizulta li inhareg kapriccosament) u li l-**qorti hija konvinta mill-bzonn.**

L-esponent umilment jissottometti li din is-sottomissjoni hija konsona man-natura fondamentali ta' mandat kawtelatorju. Infatti l-artikolu generali, cjoe l-art. 829, Kap. 12 jghid hekk:-

**829.** Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbiltà taghha.

Jigifieri billi l-mandat in kwistjoni huwa merament kawtelatorju intiz biex jissalvagwardja d-drittijiet pretizi, il-ligi ma hix qed tikkontempla (f' dan l-istadju) decizjoni fuq il-mertu. Isegwi ghalhekk li n-nullita' allegata mill-kontroparti Debono ma hix fondata.

**(4)** Jidher li l-argument l-iehor ta' l-konjugi Debono huwa li l-proceduri ta' l-mandat kawtelatorju in kwistjoni jilledu d-drittijiet fondamentali taghhom billi l-istess konjugi Debono ma gewx notifikati qabel ma gie degretat "definittivament" (din il-kelma qed tintuza fil-kuntest ta' mandat merament kawtelatorju).

L-esponenti umilment jissottomettu li l-konjugi Debono kienu ikollhom ragun likieku l-iskop ta' mandat jammonta ghal decizjoni fuq il-mertu ta' dritt, u dana billi l-principju "*audi alteram partem"* huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. Madankollu kif rajna qabel, l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa propjament intiz biss ghall-protezzjoni procedurali tad-dritt vantat minn parti u dana f' l-istadju bikri qabel id-decizjoni.

L-esponenti umilment jissottomettu li l-fatt li Qorti qed tordna l-inibizzjoni sakemm ma jigix deciz il-mertu zgur ma jammontax ghall-ksur tad-dritt fondamentali ta' *audi alteram partem.* L-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkondividi ma' din il-konkluzjoni b'mod l-aktar seren tenut kont ta' l-fatt li l-ligi stess qed tikkontempla r-resposabbilta' ta' min talab li mandat jinhareg f' l-istadju ta' qabel ikun hemm decizjoni.

**(5)** B' l-akbar rispett lejn il-kontroparti, l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa propjament biex jigi salvagwardjat dritt li huwa pretiz *before the bird flies away* u dana sabiex min qed jaghmel il-pretensjoni (li eventwalment jew ma' tistax tirrizulta gustifikata) ma jitqieghedx fi zvantagg procedurali minhabba xi dewmien amministrattiv tal-Qorti li necessarjament iggib mieghu s-smiegh xieraq ta' pretensjoni li qed tigi kkontestata. – Minn-banda l-ohra d-drittijiet fondamentali ta' min kontra tieghu qed jinhareg il-mandat huma salvagwardjati mill-artkolu relattiv li jaghtih il-fakolta' jipprocedi kontra l-kontroparti jekk jirrizultaw ghalinqas wahda mir-ragunijet kontemplati mill-artikolu 836(1) (a) sa (f).

Jidher li l-konjugi Debono qedin jinvokaw biss l-artikolu 836(1) (f) ta' l-Kap. 12 (ara r-4 u t-28 paragrafi tar-rikors ta' Debono). Dan l-artikolu jghid hekk:-

**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew

ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: …..**(*f*)** jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

L-esponenti umilment jissottomettu li huwa inkombenti fuq l-istess konjugi Debono sabiex jissostanzaw ir-ragunijiet taghhom sabiex jigi revokat il-mandat, u senjatament jew li ma hux ragjonevoli jew li l-mandat m'ghadux mehtieg jew gustifikabbli. B' l-akbar rispett lejn il-kontroparti, ma gabu l-ebda prova in sostenn ta' dan.

**(6)** Il-konjugi Debono indikaw diversi lanjanzi li, skond huma, irendu irregolari l-mandat li inhareg. Bir-rispett kollu, anki f'dan ir-rigward il-konjugi Debono m'ghandhomx ragun.

**i.** Illi l-propjetajiet immobbli kolpiti mill-mandat huma biss tlieta (3) u mhux hamsa (5) kif qedin jghidu l-konjugi Debono. Bir-rispett, is-sottomissjonijiet taghhhoom rigward il-garaxx numru 108 u dawk fi Triq il-Wied lkoll sitwati Hal-Qormi huma ghal kollox irrelevanti ghall-finijiet ta' l-prezenti procedura billi sorpassati.

**ii.** Illi mill-propjetajiet kolpiti mill-mandat definittiv issa qed jirrizulta mir-rikors ta' konjugi Debono li l-fond 23/24 Rock Street Qormi inbiegh lit-terzi fiz-zmien qabel il-hrug ta' l-istess mandat. Madankollu l-konjugi Debono ma gabu l-ebda prova f'dan is-sens. Ma gie esebit l-ebda kopja ta' kuntratt ta' allegat trasferiment u lanqas kopja tar-ricerki relattivi. Di piu'r-rikors ta' l-konjugi Debono ma huwiex mahluf u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax tistrieh fuq semplici allegazzjoni.

L-esponenti umilment jissottomettu li jekk il-kontroparti jirnexxielhom jipprovaw li lahqu aljenaw il-propjeta' f'Rock Street dan iwassal biss ghar-revoka in parti biss ta' l-mandat limitatament ghall-istess propjeta' f'Rock Street. Wiehed jonqos ma jsemmiex li anke jekk jirrizulta li verament sehh dan l-allegat trasferiment, l-esponenti qedin umilment jirrizervaw id-dritt taghhom li jindikaw propjeta' ohra sabiex tikkawtela l-pretensjoni taghhom sal-valur pretiz ta' €50,000.

**iii.** Rigward il-propjeta' "Robant" 9, Triq il-Bard, Qormi ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li din il-propjeta' hija u ghadha fil-fatt propjeta' tal-istess konjugi Debono. Ghalhekk huwa umilment sottomess li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tivvarja l-ordni sabiex l-istess fond ma jigix trasferit.
**iv.** Rigward l-ahhar propjeta' li hija deskritta bhala art li tinsab Triq Attard, Qormi li tmiss ma' Triq maghrufa bhala Sqaq ta' Awzara tal-kejl ta' cirka 948 metri kwadri, huwa umilment u b' l-akbar rispett sottomess li l-ilment ta' l-konjugi Debono rigward id-deskrizzjoni ma jreggix billi ghall-finijet ta' l-artikolu 874, Kap. 12 huwa bizzejjed (tant li l-artikolu imsemmi juza l-kelma "jigifieri") li issir referenza ghad-*data* geografika ta' l-propjeta', jigifieri li il-propjeta' tkun determinabbli. Bir-rispett kollu lejn il-kontroparti, dawn jafu ben tajjeb fejn tinsab il-propjeta billi hija <u>unika u determinabbli</u>.
**v.** Rigward il-lanjanza ta' l-istess konjugi Debono li l-imsemmija propjeta' fi triq Attard hija in kompropjeta' ma' terzi, din ghandha tigi ippruvata, u anki jekk tigi hekk ppruvata nafu li *multo magis* b' l-emendi ricenti fil-ligi rigward il-kompropjeta' li l-maggoranza ta' kompropjetarji jistghu jehilsu mill-ostakolu li iggib mieghu l-mandat kontra l-istess konjugi Debono billi issir talba oportuna mit-terz interessat. Sakemm dan ma jsirx mit-terz interessat, il-posizzjoni legali hija li l-mandat ghandu jibqa' fis-sehh in ringward ta' din il-bicca art.

**(7)** L-ahhar ilment ta' l-konjugi Debono huwa fis-sens li l-"azzjoni" (recte: il-mandat) in kwistjoni inhareg taht l-artikolu 874 ta' l-Kap. 12. Bir-rispett lejn il-kontroparti dan l-ilment ma jinftiehemx billi imkien mill-atti odjerni ma jirrizulta dan. Il-mandat gie ipprezentat a tenur ta' l-artikolu generali cjoe l-artikolu 873 cjoe sabiex izomm persuna (f'dan il-kaz il-konjugi Debono) milli taghmel kwalunkwe haga li tkun (f'dan il-kaz milli <u>juzaw</u> il-vetturi indikati) li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat (f'dan il-kaz l-esponenti Xerri). Ta' min jigi mfakkar – kif jirrizulta anki mid-digriet tat-3 ta' April, li l-vetturi LAW-892, RON-181, HAS-665, IBE-398, IBA-665, JAF-497, KAT-746 u ABH-404 huma lkoll registrati fuq l-esponent Antonie Xerri u kwindi dan huwa meqjus

legalment responsabbli ghall-istess vetturi. Ghalhekk huwa car li jekk l-istess konjugi Debono, jew min minnhom, jaghmlu uzu mhux awtorizzat ta' l-vetturi imsemmija l-esponenti Xerri ser jigu ippregudikati. F'dan ir-rigward huwa bizzejjed isir riferenza ghall-artikolu 29 ta' l-Avviz Legali numru 476 ta' 2004. Ghal kull fini, l-esponenti qedin jesebixxu kopja ta' ittra datata 25 ta' Marzu 2008 minghand l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta li tikkonferma din ir-responsabbilta', markata **"Dok. AX1"**.

Ghar-ragunjiet suesposti u ghal dawk li jigu issottomessi matul it-trattazzjoni, l-esponenti konjugi Xerri umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet maghmula mill-konjugi Debono fir-rikors taghhom ta' l-15 ta' April 2008.

Bl-Ispejjez;

Rat il-provi li tressqu, id-dokument li gew esibiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-Artikolu 875 (1) tal-Kap 12 ighid "illi rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu (sottolinear ta' din il-Qorti) jigi notifikat lill-parti opposta li…… ghandha tipprezenta risposta"

Illi huwa minnu illi l-Qorti tista' tilqa' rikors bhal dan provvizorjament minghajr ma tkun ghadha giet notifikata l-kontro-parti, izda dan bl-ebda mod ma jista' qatt ifisser illi l-Qorti tista' tilqa' r-rikors b'mod definittiv minghajr ma tkun giet notifikata l-kontro–parti.

Illi l-Qorti tara illi rrizulta mill-provi illi l-kontro-parti ma kenitx giet notifikata, izda mandanakollu l-Qorti laqghet ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Illi ghalhekk japplikaw d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836(1) (f) tal-Kap. 12 peress illi gie ippruvat mir-rikorrenti li

m’huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh dan l-att kawtelatorju;

Ghalhekk, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti tilqa’ t-talba u tirrevoka l-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 358/08 fl-ismijiet Antoine Xerri u Claudine Xerri vs Bartolomeo sive Robbie Debono u Antoinette Debono (degretat fit-3 ta’ April 2008), bl-ispejjez kontra r-rikorrenti esekutati Antoine u Claudine konjugi Xerri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------